XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 29**
**26 ta' Jannar 2015 fl-4:30p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4:45p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzati**

| | |
|---|---|
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sur George Zammit | Kunsillier |

Intqghalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 27 u 28 tqassmu qabel u għalhekk gew approvati.

2. **Performance Bonus**

   Il-Kunsilliera prezenti qablu li s-Segretarja Ezekuttiva għandha tieħu 10% performance bonus u l-Assistant principal 6% skond il-ligi.

3. **Applikazjoni - Progetti Kapitali**

   Is-Sindku informa lill-kunsill li l-kunsill ircieva ittra mingħand il-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali dwar dwar opportunita' għall-Kunsilli Lokali

biex jissottomettu proposti għal proġett kapitali fil-lokalitajiet tagħhom. Il-Kunsill qabel li jigu applikatti l-Progett ta' Mgarr ix-Xini u l-Lift tal-Latrina Pubblika fi Pjazza San Gwann Battista.

4. **Karnival 2015**

Il-Kunsilliera prezenti qablu li l-Hadd 16 ta' Frar filghodu issir parata minn Triq San Bert sal-Pjazza San Gwann Battista bis-sehem tal-Banda Prekursur u l-karrijiet. Il-Kunsill qabel ukoll li jiehdu sehem dawk il-karrijiet, zfin u kostumi li ghamlu applikazzjoni mal-Kunsill. Is-Segretarja uriet lill-kunsilliera l-applikazzjonijiet kollha u t-talbiet taghhom. Il-Kunsill qabel ma dawn. Il-Kunsill qabel ukoll li terggha issir il-kukkanja. Il-Kunsilliera qablu ukoll li jerga jitella l-karnival spontanju bil-kolloborazzjoni tal-kunsill fil-Bombos Bar.

5. **Kwotazzjoniet**

PA system karnival 2015 - Il-Kunsill ircieva tlett kwotazzjonijiet. Il-Kunsill ghazel l-orhos wahda.

Zewg PC's – ghal-librerija tal-kunsill u ghall-ufficcju tal-iskrivana tal-Kunsill peress li hemm mhux qed jahdmu sew. Il-Kunsill ircieva zewg kwotazzjonijiet. Il-Kunsill iddecieda li jiehu parir minghand persuna teknika fil-computers u jigu ordnati.

6 **Affarijiet Oħra**

Il-Kunsillier Domenic Zerafa gibet l-attenzjoni li hemm bzonn ta' patching madwar ir-rahal. Il-kunsilliera prezenti qablu ma dan.

Is-Sindku reggha informa lil kunsilliera prezenti li ix-xoghol fuq il-Latrina pubblika fil-Pjazza San Gwann Battista miexi bl-ghajnuna tal-Ministeru ghal Ghawdex.

Is-Sindku gibet l-attenzjoni li hemm bzonn jinxtraw ftit tabelli minhabba no parking ghal l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtraw.

Is-Sindku gibet l-attenzjoni li regget harget l-applikazzjoni- *town twinning* u ser tghalaq fl-1 ta' Marzu 2015. Il-kunsilliera prezenti qablu li ghandha terggha tigi applikata din l-applikazzjoni.

Is-Sindku informa lill-kunsilliera li hemm bzonn ta' bankijiet aktar ghal madwar ir-rahal. Is-Sindku issugerixxa li jintalbu sponsor minghand il-kumpanija green pak

XEWKIJA

peress li hemm ftiehem fuq sponsorship fis-sena. Is-Segretarja ghandha taghmel din it-talba.

Is-Segretarja kienet ghamlet kuntatt b'email lill-kunsilliera kollha rigward jekk jaqblux li jitkompla s-servizz tat-transport tat-tfal ta' l-iskola ghat-tieni term u jigi b'minibus akbar bi prezz ta' 4euro aktar fil-gurnata. Kien hemm qbil li dan jerggha jsir u b'minibus akbar peress li zdiedu aktar tfal.

Is-Segretarja nfurmat lil kunsilliera li l-photocopier il-qadima u l-mini grill mhux jahdmu u qed jiehdu spazju fl-ufficcju. Il-kunsill qabel li ghandhom jintremaw.

## 7. Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa

Mill-korrispondenza

i. Ittra mingħand l-Kumpanija Skoda dwar reserved parking fil-Pjazza San Gwann Battista.
ii. Ittra fuq talba għall-sinjali u mirja fi Triq San Leonardo. Il-Kunsill ser jibghat din it-talba lil Customer Care peress li Triq arterjali.
iii. Ittra mingħand Colin Attard dwar il-Gaulitana. Il-Kunsill qabel li din ghandha terggha issir.
iv. Korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar fuq *full development permission* ghal surfacing ta' pathway fi Ġnien ta' Blankas.
v. Korrispondenza mingħand id-dipartiment ghal Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni Finanzjarja 2015.
vi. Korrispondenza mingħand il-Green MT dwar ġbir ta' skart riċiklabbli.
vii. Korrispondenza mingħand il-Project Leader ta' Mgarr ix-Xini Regional Park fuq il-water pumping station
viii. Korrispondenza mingħand Monitoring DLG dwar laqgha Sustainable Development Seminar.
ix. Korrispondenza mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar il-Coelic Vouchers.
x. Ittra mingħand Etienne Scicluna fuq il-kors tad-diploma.
xi. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar residenti tal-facilita ta' kordin li jaħdmu mal-Kunsilli Lokali.
xii. Memo 30/2014- dwar Spazji Pubblici
xiii. Memo 31/2014 – dwar spejjez ghal gbir ta' Skart wara li jittella' suq fil-berah
xiv. Memo 32/2014- dwar spejjez ghal Servizzi Specjalizzati mitluba mill-Kunsilli Lokali
xv. Memo 33/2014 – dwar talbiet minn ministeri jew entitajiet governattivi
xvi. Memo 34/2014 – dwar Aggornamenti tal-laqghat tal-Kunsill Lokali
xvii. Memo 2/2015 – dwar Elezzjonijiet ghall-Kunsilli Lokali.
xviii. Memo 3/2015- dwar Devoluzzjoni ta' siti u propjeta' pubblika lill-Kunsilli Lokali
xix. Ittra mingħand Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fuq konferenza proġett ERSI.
xx. Ittra minghand l-Arcipriet biex id-dramma il-Markiz igiha zewg issir bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel fuq dan u ser jithallas il-PA system.
xxi. Petizzjoni minghand ir-resident ta' Triq Santa marija biex issir one way. Il-Kunsill qabel fuq dan u ghandu jsir kuntatt mal-perit tal-Kunsill biex jintbghatu d-dokumenti mehtiega lil TM.
xxii. Ittra minghand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar kaz nru 18/15 – Laqgha tal-Lokalita'
xxiii. Kuntratt minghand POYC dwar Coelic Vouchers.
xxiv. Ittra minghand Plant Health dwar botanic Garden
xxv. Ittra minghand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar Sessjoni ta' Informazzjoni

## 8. Kontijiet

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li kien hemm bzonn tithallas garanzija l-bank rigward il-passagg fi Gnien ta' Blankas. Il-Kunsilliera prezenti qablu ma dan.

Is-Segretarja nfurmat ukoll lil kunsilliera prezenti li l-kuntrattur tal-bulky refuse infurma lis-Segretarja li hu mhux ser jigbor aktar il-bulky refuse sa meta jithallas. Il-kuntrattur qal li hu ilu 6 xhur ma jithallas. Is-Segretarja spjegatlu li hu bghat kont wiehed li jigbor fih diversi xhur u nbghat f'Dicembru 2014 lil kunsill. Is-Segretarja qaltlu biex jibda jibghat il-kontijiet kull xahar u jithallas kull xahar. Hu qal lis-segretarja li l-kont ilu mibghut minn Dicembru 2014 u ghadu ma thallasx. Is-Segretarja spjegatlu li l-laqgha ta' Dicembru saret fil-bidu ta' Dicembru meta hu ma kienx ghadu ipprezenta l-kont u spjegatlu ukoll li minhabba li saret laqgha f'Jannar u ma kienx hemm quorum ma setghatx issir il-laqgha. Hi qaltlu li jekk ikun hemm quorum fil-laqgha li jmiss il-kont jigi mghoddi mill-laqgha u jithallas. Il-kont tghadda ma din il-laqgha.

## 9. Ilmenti u Suggerimenti

i. Suggeriment minghand Toni Xuereb rigward bank fi Triq Cappelli. Il-Kunsill qabel ma dan.
ii. Suggeriment minghandil-kunsilliera Jeanelle Attard rigward patching fi Triq il-mithna hdejn ir-roundabout li hemm mizbghuha fl-art. Il-kunsill qabel li jibghatu l-haddiema tal-kunsill jirrangawha.
iii. Suggeriment minghand il-Kunsilliera Jeanelle Attard rigward Triq il-Barrieri biex titranga ftit sakemm issir t-triq. Il-Kunsill qabel fuq dan.
iv. Suggeriment minghand il-Kunsilliera Domenic Zerafa biex titranga bankina fi Triq il-Mithna. Il-kunsill qabel ma dan.

## 10. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa spiccat fis-6:30p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |